SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

19 ta' Settembru 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Politika agrikola komuni – Skemi ta' appoġġ dirett – Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014 –Applikazzjoni għal għajnuna relatata mal-annimali –Artikolu 53(4) – Kundizzjonijiet għall-għoti ta' miżuri ta' appoġġ akkoppjat għall-bhejjem tal-ifrat – Regolament (KE) Nru 1760/2000 – Artikolu 7 – Reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat – Deċiżjoni 2001/672/KE – Artikolu 2(2) u (4) – Ċaqliq ta' bhejjem tal-ifrat lejn mergħat tas-sajf f'żoni muntanjużi – Komunikazzjoni tardiva – Regolament Delegat (UE) Nru 640/2014 – Punti 2, 15, 16 u 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) – Artikolu 30(4)(c) – Annimal determinat – Tnaqqis tal-appoġġ akkoppjat – Artikolu 15(1) – Artikolu 34 – Sanzjonijiet amministrattivi – Senjalazzjoni ta' ommissjoni ta' reġistrazzjoni"

Fil-Kawża C-350/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Ġunju 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ġunju 2023, fil-proċedura

Vorstand für den Geschäftsbereich II der Agrarmarkt Austria

fil-preżenza ta':

T F,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, P. G. Xuereb (Relatur) u A. Kumin, Imħallfin,

Avukata Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Vorstand für den Geschäftsbereich II der Agrarmarkt Austria, minn M. E. Huber, bħala aġent,

– għall-Gvern Awstrijak, minn J. Schmoll, M. Kopetzki u C. Pesendorfer, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Aquilina u A. C. Becker, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta':

– l-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU 2000, L 204, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 653/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU 2014, L 189, p. 33) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1760/2000").

– l-Artikolu 2(2) u (4) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/672/KE tal-20 ta' Awwissu 2001 li tistabbilixxi regoli speċjali applikabbli għall-movimenti ta' annimali bovini [bhejjem tal-ifrat] meta mqegħda jirgħu fis-sajf fl-oqsma tal-muntanji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 33, p. 341), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/300/UE tal-25 ta' Mejju 2010 (ĠU 2010, L 127, p. 19) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni 2001/672");

– l-Artikolu 53(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa skont skemi ta' appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU 2014, L 181, p. 1), kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1784 tad-9 ta' Lulju 2018 (ĠU 2018, L 293, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Delegat Nru 639/2014"), u

– il-punt (2)(a) u l-punt (18)(a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1), l-Artikolu 15(1), l-Artikolu 30(4)(c) u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 181, p. 48), kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/723 tas-16 ta' Frar 2017 (ĠU 2016, L 107, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 227, p. 5) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Delegat Nru 640/2014").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn T F u l-Vorstand für den Geschäftsbereich II der Agrarmarkt Austria (l-Uffiċċju tas-Settur ta' Attività II tal-Uffiċċju Awstrijak ta' Sorveljanza tas-Swieq Agrikoli, l-Awstrija), li huwa l-persuna ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku li taġixxi, b'mod partikolari, bħala aġenzija tal-ħlas fl-Awstrija (iktar 'il quddiem l-"AMA"), dwar, minn naħa, ir-rifjut ta' din tal-aħħar li tagħti lil T F appoġġ marbut mal-annimali għal ċerti bhejjem tal-ifrat minħabba l-komunikazzjoni tardiva, magħmula minn T F, taċ-ċaqliq ta' dawn il-bhejjem tal-ifrat lejn mergħat f'żoni muntanjużi u, min-naħa l-oħra, minħabba l-impożizzjoni mill-AMA fuq T F ta' sanzjoni minħabba din il-komunikazzjoni tardiva.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 1760/2000

3 Il-premessi 4 sa 7 u 14 tar-Regolament 1760/2000 jgħidu dan li ġej:

"(4) Wara l-instabilità fis-suq tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti mill-laħam taċ-ċanga kkawżata mill-kriżi ta' l-enċefaloġija sponġiforma bovina, it-titjib fit-trasparenza tal-kondizzjonijiet għall-produzzjoni u l-marketing tal-prodotti fil-kwistjoni, b'mod partikolari rigward it-traċċabbiltà, eżerċitat influwenza pożittiva fuq il-konsum tal-laħam taċ-ċanga. Sabiex tibqa' tinżamm u tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur fil-laħam taċ-ċanga u għalbiex ikun evitat illi dawn jiġu mqarrqa, huwa meħtieġ illi jiġi żviluppat il-qafas li fih ikun magħmul disponibbli t-tagħrif għall-konsumaturi bit-tikkettjar suffiċenti u ċar tal-prodott.

(5) Għal dan l-iskop huwa essenzjali li tiġi stabbilita, min-naħa l-waħda, sistema effiċenti għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart fl-istadju tal-produzzjoni u li tiġi stabbilita, min-naħa l-oħra, sistema speċifika Komunitàrja ta' tikkettjar fis-settur tal-laħam taċ-ċanga bbażata fuq kriterji oġġettivi fl-istadju tal-marketing.

(6) Bis-saħħa tal-garanziji pprovduti permezz ta' dan it-titjib, iridu jinkisbu wkoll ċerti ħtiġijiet ta' interess pubbliku, b'mod partikulari l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-bhejjem.

(7) B'riżultat, il-fiduċja tal-konsumatur fil-kwalità tal-laħam taċ-ċanga u l-prodotti mill-laħam taċ-ċanga tittejjeb, jiġi ppreservat livell aktar għoli tas-saħħa pubblika u l-istabbiltà fit-tul tas-suq tal-laħam taċ-ċanga tkun irrinfurzata.

[…]

(14) Għall-għan tat-traċċar bil-ħeffa u preċiż tal-bhejjem għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontroll ta' l-iskemi Komunitarji ta' l-għajnuna, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jistabbilixxi bażi ta' informazzjoni kkomputerizzata li tirreġistra l-identità tal-bhejjem, l-impriżi kollha fit-territorju tiegħu u ċ-ċaqliq tal-bhejjem, skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 97/12/KE tas-17 ta' Marzu 1997 li temenda u taġġorna d-Direttiva 64/432/KEE dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ tal-bhejjem tal-fart u l-ħnieżer ġewwa l-Komunità [12], li tiċċara l-ħtiġijiet tas-saħħa dwar din il-bażi ta' informazzjoni."

4 L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1760/2000, li jidher fit-Titolu I ta' dan ir-regolament, intitolat "L-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart" jipprevedi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"Is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

a) il-mezzi ta' identifikazzjoni biex jiġu identifikati l-annimali individwalment;

b) il-ħażniet ta' l-informazzjoni kkomputerizzata;

ċ) il-passaporti tal-bhejjem;

d) ir-reġistri individwali miżmuma fuq kull impriża.”

5 L-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament jgħid:

“1. Bl-eċċezzjoni tat-trasportaturi, kull min iżomm il-bhejjem għandu:

– iżomm reġistru aġġornat,

– jirrapporta [jikkomunika] lill-awtorità kompetenti l-movimenti kollha lejn u mill-istabbiliment u t-twelid u l-imwiet kollha tal-annimali tal-istabbiliment, flimkien mad-dati ta’ dawn l-avvenimenti, f’perjodu massimu ffissat mill-Istat Membru kkonċernat; dak il-perjodu massimu għandu jkun ta’ mill-inqas tlett ijiem u ma jisboqx sebat ijiem wara li sseħħ waħda minn dawk il-ġrajjiet; l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni [Ewropea] biex jestendu l-perjodu massimu ta’ sebat ijiem.

Sabiex tqis id-diffikultajiet prattiċi f’każijiet eċċezzjonali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati bi qbil mal-Artikolu 22b biex tiddetermina ċ-ċirkostanzi li fihom l-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodu massimu ta’ sebat ijiem stipulat fit-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu, flimkien mat-tul massimu ta’ dik l-estensjoni, li m’għandhiex taqbeż l-14-il jum wara l-perjodu ta’ sebat ijiem imsemmi fit-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu.

2. Sabiex tiżgura t-traċċabilità adegwata u effettiva tal-annimali bovini [bhejjem tal-ifrat] meta jinħarġu għar-ragħi staġjonali, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22b dwar l-Istati Membri jew parti tal-Istati Membri fejn għandhom japplikaw regoli speċjali għar-ragħi staġjonali, inklużi l-perjodu ta’ żmien, l-obbligi speċifiċi tal-indokraturi, u r-regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-istabbiliment u r-reġistrazzjoni tal-movimenti ta’ dawn l-annimali bovini, inklużi l-miżuri tranżitorji għall-introduzzjoni tagħhom.

[…]”

Id-Deċiżjoni 2001/672

6 Id-Deċiżjoni 2001/672 tħassret bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 tat-28 ta’ Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-istabbilimenti li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u t-traċċabbiltà ta’ ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis (ĠU L 2019, 5.12.2019, p. 115). Madankollu, fid-dawl tad-data tal-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali, id-Direttiva 2001/672 għadha applikabbli għal din tal-aħħar.

7 Il-premessa 3 tad-Deċiżjoni 2001/672 kienet ifformulata kif ġej:

“Ir-regoli speċjali għandhom ikunu stabbiliti b’tali mod li huwa possibbli li jkun magħruf il-lok ta’ kwalunkwe annimal bovin [bhima tal-ifrat] fi kwalunkwe żmien.”

8 L-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni kien jipprovdi:

"Din id-Deċiżjoni hija applikabbli lill-movimenti ta' l-annimali bovini [bhejjem tal-ifrat] fl-Istati Membri jew parti mill-Istati Membri msemmija fl-Anness minn żammiet differenti għal mergħat allokati f'oqsma tal-muntanji sabiex jirgħu fil-perijodu [15] ta' April sal-15 ta' Ottubru."

9 L-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni kien jgħid:

"1. Kull mergħa msemmija f'Artikolu 1 għandha tingħata kodiċi ta' reġistrazzjoni speċifika li għandha tkun reġistrata fil-bażi ta' data għall-annimali bovini [bhejjem tal-ifrat].

2. Il-persuna responsabbli għall-mergħat tistabbilixxi lista ta' annimali bovini soġġetti għal moviment imsemmija f'Artikolu 1. Din il-lista għandu jkollha fiha mill-inqas:

– il-kodiċi ta' reġistrazzjoni tal-mergħa,

u għal kull annimal bovin:

– in-numru individwali ta' indentifikazzjoni,

– in-numru ta' identifikazzjni taż-żamma ta' oriġini,

– id-data tal-wasla tal-mergħa,

– id-data stmata tat-tluq mill-mergħa.

[…]

4. L-informazzjoni li tinsab fil-lista msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi riportata [kkomunikata] lill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 7(1) tar-[Regolament Nru 1760/2000] fil-15-il jum wara d-data ta' meta l-annimali kienu ttieħdu fil-mergħa.

[…]"

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013

10 L-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549, rettifiki fil-ĠU 2016, L 130, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 327, p. 83), intitolat "Pagamenti mhux dovuti u pieni amministrattivi", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Fejn jinstab li benefiċjarju ma jkunx konformi mal-impenji tal-kriterji ta' eliġibbiltà, impenji jew obbligi oħrajn relatati mal-kondizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna jew appoġġ, kif previst fil-leġislazzjoni agrikola settorjali, l-għajnuna ma għandhiex titħallas jew għandha tiġi rtirata kollha jew parzjalment u, fejn ikun rilevanti, id-drittijiet għal pagamenti korrispondenti kif imsemmijin fl-Artikolu 21 tar-Regolament [(UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE)

Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608 u r-rettifika ĠU 2016, L 130, p. 7] ma għandhomx jiġu allokati jew għandhom jiġu rtirati.

[…]

2. Barra minn hekk, fejn il-leġislazzjoni agrikola settorjali tipprevedi hekk, l-Istati Membri għandhom jimponu wkoll pieni amministrattivi, […]"

11 L-Artikolu 77 tar-Regolament Nru 1306/2013, intitolat "Applikazzjoni tal-pieni amministrattivi", jipprevedi, fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6 tiegħu:

"Il-pieni amministrattivi msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu proporzjonati u gradwati skont il-gravità, id-daqs, it-tul ta' żmien u r-riokkorrenza tan-nuqqas ta' konformità kkonċernata."

Ir-Regolament Nru 1307/2013

12 Ir-Regolament Nru 1307/2013, kif emendat bir-Regolament (UE) 2019/288 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 2019 (ĠU 2019, L 53, p. 14) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1307/2013"), jinkludi t-Titolu IV, intitolat "Appoġġ akkoppjat", li fih il-Kapitolu I, intitolat "Appoġġ akkoppjat volontarju", li jinkludi l-Artikolu 52, intitolat "Regoli ġenerali", li jipprevedi:

"1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ akkoppjat lill-bdiewa skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu (f'dan il-Kapitolu msejjaħ 'appoġġ akkoppjat').

[…]

6. L-appoġġ akkoppjat huwa skema li tillimita l-produzzjoni li għandha tieħu l-forma ta' pagament annwali ibbażat fuq żoni u rendimenti fissi jew fuq numru fiss ta' annimali u għandu jirrispetta l-limiti massimi finanzjarji li għandhom jiġu determinati mill-Istati Membri għal kull miżura u nnotifikati [kkomunikati] lill-Kummissjoni.

[…]

9. Biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u mmirat tal-fondi tal-Unjoni u biex jiġi evitat finanzjament doppju taħt strumenti ta' appoġġ simili, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta l-atti ddelegati skont l-Artikolu 70 li jistipulaw:

a) il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ akkoppjat;

[…]"

Ir-Regolament Delegat Nru 639/2014

13 Il-premessa 74 tar-Regolament Nru 639/2014 tgħid dan li ġej:

"B'mod iktar partikolari fir-rigward tal-appoġġ akkoppjat volontarju, hemm bżonn li jiġi speċifikat iktar il-kontenut tal-informazzjoni li trid tiġi notifikata [kkomunikata] mill-Istati Membri sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tar-regoli dwar dak l-appoġġ u biex it-tali notifiki jsiru

effiċjenti, b'tali mod li l-Kummissjoni tkun tista' tivverifika li l-Istati Membri jirrispettaw ir-rekwiżiti dwar il-konsistenza u n-nonkumulazzjoni tal-appoġġ kif ukoll il-perċentwali massimi tal-livelli massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 53 tar-Regolament [Nru 1307/2013] u l-ammonti totali relatati meta jitfasslu l-miżuri ta' appoġġ."

14 L-Artikolu 53 tar-Regolament delegat (UE) Nru 639/2014, intitolat "Kundizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw kriterji tal-eliġibbiltà għall-miżuri tal-appoġġ akkoppjat f'konformità mal-qafas stipulat fir-Regolament [Nru 1307/2013] u mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

[…]

4. Fejn il-miżura ta' appoġġ akkoppjat tikkonċerna annimali bovini [bhejjem tal-ifrat] u/jew ovini u kaprini, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, bħala kundizzjoni għall-eliġibbiltà għall-appoġġ, ir-rekwiżiti għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali stipulati fir-[Regolament Nru 1760/2000] jew fir-Regolament (KE) Nru 21/2004 [tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU 2004, L 5, p. 8)).

Madankollu, mingħajr preġudizzju għal kundizzjonijiet oħra ta' eliġibbiltà, annimal għandu jitqies ukoll eliġibbli għall-appoġġ meta r-rekwiżiti tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni msemmijin fl-ewwel sottoparagrafu jiġu ssodisfati sa data li għandha tiġi stabbilita mill-Istat Membru u li ma għandhiex tkun iktar tard:

(a) mill-ewwel jum tal-perjodu taż-żamma tal-annimal, meta jiġi applikat perjodu taż-żamma;

minn data magħżula abbażi ta' kriterji oġġettivi u konsistenti mal-miżura korrispondenti nnotifikata [kkomunikata] skont l-Anness I, meta ma jiġi applikat l-ebda perjodu taż-żamma.

Sal-15 ta' Settembru 2015, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-dati msemmija fit-tieni sottoparagrafu."

Ir-Regolament Delegat Nru 640/2014

15 Ir-Regolament Delegat Nru 640/2014 tħassar bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1172 tal-4 ta' Mejju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-politika agrikola komuni u l-applikazzjoni u l-kalkolu ta' penali amministrattivi għall-kundizzjonalità (ĠU L 2022, 8.7.2022, p. 12). Fid-dawl tad-data tal-fatti relatati mal-kawża prinċipali, ir-Regolament Delegat Nru 640/2014 huwa madankollu applikabbli għal din il-kawża.

16 Il-premessi 1, 2, 27, 28, 30 u 31 tar-Regolament Nru 640/2014 jipprovdu dan li ġej:

"(1) […] Ir-Regolament [Nru 1306/2013] jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ddelegati u atti ta' implimentazzjoni. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-sistema fil-qafas legali l-ġdid, għandhom jiġu adottati ċerti regoli permezz ta' dawn l-atti. […]

(2) B'mod partikolari, għandhom jiġu stabbiliti regoli biex jiġu ssupplimentati ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament [Nru 1306/2013] b'rabta mal-funzjonament tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll ('is-sistema integrata'), il-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna jew għat-talbiet għal pagamenti, il-kundizzjonijiet għar-rifjut totali jew parzjali tal-għajnuna u l-irtirar totali jew parzjali ta' għajnuna jew appoġġ mhux dovuti u d-determinazzjon tal-penali amministrattivi li jindirizzaw in-nuqqas ta' konformità relatata mal-kundizzjonijiet biex wieħed jirċievi appoġġ taħt miżuri stabbiliti mir-Regolament [Nru 1307/2013] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill […]

[…]

(27) Il-penali amministrattivi applikabbli għall-iskemi ta' għajnuna relatati mal-annimali u l-miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali għandhom jiġu stabbiliti filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tad-deterrenza u l-proporzjonalità kif ukoll il-problemi speċifiċi relatati maċ-ċirkostanzi naturali. […]

(28) Sa fejn huma kkonċernati l-applikazzjonijiet għall-għajnuna taħt l-iskemi ta' għajnuna għall-annimali jew it-talbiet għall-pagament li jaqgħu taħt il-miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali, in-nuqqasijiet ta' konformità jwasslu għall-ineliġibbiltà tal-annimal ikkonċernat. Tnaqqis varju għandu jiġi stipulat sa mill-ewwel annimal li jinstab b'nuqqas ta' konformità iżda, irrispettivament mil-livell ta' tnaqqis, għandu jkun hemm penali amministrattiva inqas ħarxa meta tliet annimali jew inqas jinstabu b'nuqqasijiet ta' konformità. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, is-severità tal-penali amministrattivi għandha tiddependi fuq il-perċentwal tal-annimali li jinstabu b'nuqqasijiet ta' konformità.

[…]

(30) Għandha tiġi applikata l-possibbiltà li jsiru korrezzjonijiet mingħajr penali amministrattivi previsti għall-applikazzjoni għall-għajnuna u l-applikazzjoni għall-ħlas ukoll għad-data mhux eżatta li tinsab fid-database kompjuterizzata għall-annimali bovini [bhejjem tal-ifrat] ddikjarati li għalihom dawk il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità jikkostitwixxu ksur ta' kriterju ta' eliġibbiltà, sakemm il-benefiċjarju ma jkunx ġie infurmat bl-intenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li jwettqu verifika fuq il-post jew l-awtorità ma tkunx diġà infurmat lill-benefiċjarju dwar każijiet.

(31) Rifjuti u rtirar tal-appoġġ u penali amministrattivi għandhom jiġu stabbiliti għal miżuri ta' għajnuna għall-iżvilupp rurali wara li jiġi kkunsidrat il-prinċipji ta' dissważjoni u proporzjonalità. Ir-rifjut u l-irtirar tal-appoġġ għandhom ikunu kklassifikati abbażi tas-severità, il-firxa, it-tul ta' żmien u r-ripetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità li jkun instab. Rifjut u rtirar tal-appoġġ u penali amministrattivi għandhom, fir-rigward tal-kriterji ta' eliġibbiltà, l-impenji u obbligi oħrajn, iqisu l-karatteristiċi partikolari tad-diversi miżuri ta' appoġġ. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità serju jew fil-każ li l-benefiċjarju jkun ipprovda evidenza falza sabiex ikun jista' jirċievi l-appoġġ, l-appoġġ għandu jkun irrifjutat u tiġi imposta penali amministrattiva. Il-penali amministrattivi għandhom jaslu sal-esklużjoni sħiħa minn miżura waħda jew iktar ta' appoġġ [jew tipi ta' operazzjonijiet] għal perjodu speċifikat."

17 L-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"[…]

Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(2) 'nuqqas ta' konformità' tfisser:

a) għall-kriterji ta' eliġibbiltà, l-impenji jew obbligi oħra relatati mal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna jew l-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 67(2) tar-Regolament [Nru 1306/2013] kwalunkwe nuqqas ta' ħarsien ta' dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà, impenji jew obbligi oħra; jew

[…]

(9) 'bażi tad-dejta [database] kompjuterizzata għall-annimali' tfisser il-bażi tad-dejta kompjuterizzata li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 3(b) u fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 u/jew ir-reġistru ċentrali jew il-bażi tad-dejta kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 3(1)(d), l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 tar-Regolament [Nru 21/2004];

[…]

(13) 'skema ta' għajnuna għall-annimali' tfisser miżura ta' appoġġ akkoppjat u volontarju prevista fil-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tar-Regolament [Nru 1307/2013] fejn il-pagament annwali li għandu jingħata fi ħdan limiti kwantitattivi ddefiniti huwa bbażat fuq għadd fiss ta' annimali;

[…]

(15) applikazzjoni ta' għajnuna għall-bhejjem" tfisser l-applikazzjonijiet għall-pagamenti tal-għajnuna fejn il-pagament annwali li għandu jingħata fi ħdan limiti kwantitattivi ddefiniti huwa bbażat fuq għadd fiss ta' annimali taħt l-appoġġ akkoppjat u volontarju previst fil-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tar-Regolament [Nru 1307/2013];

(16) 'annimali ddikjarati' tfisser l-annimali soġġetti għal għajnuna għall-bhejjem taħt l-iskema ta' għajnuna għall-annimali jew soġġetti għal talba għall-pagament għal miżura ta' appoġġ relatata mal-annimali;

(17) 'annimal potenzjalment eliġibbli' tfisser annimal li a priori jista' potenzjalment jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà biex jirċievi l-għajnuna taħt l-iskema ta' għajnuna għall-annimali jew appoġġ taħt miżura ta' appoġġ relatata mal-annimali fis-sena tat-talba inkwistjoni;

(18) 'annimal determinat' tfisser:
   a) għal skema ta' għajnuna għall-annimali, annimal li fil-każ tiegħu jkunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha stipulati fir-regoli għall-għoti tal-għajnuna; jew
   b) għal miżura ta' appoġġ relatata mal-annimali, annimal identifikat permezz ta' verifiki amministrattivi jew verifiki fuq il-post;

   […]"

18 It-Titolu II tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, intitolat "Is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll", jinkludi l-Kapitolu IV, intitolat "Kalkolu tal-għajnuna u tal-penali amministrattivi relatati mal-iskemi ta' pagamenti diretti u miżuri għall-iżvilupp rurali fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema integrata", li fih jinsab l-Artikoli 15 sa 34 ta' dan ir-regolament delegat.

19 L-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament delegat, intitolat "Eċċezzjonijiet mill-applikazzjoni tal-penali amministrattivi", jipprovdi:

"1. Il-penali amministrattivi previsti f'dan il-Kapitolu ma għandhomx japplikaw fir-rigward tal-parti tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-pagament li dwarhom il-benefiċjarju jinforma lill-awtorità kompetenti bil-miktub li l-applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-pagament hija inkorretta jew saret inkorretta minn meta ġiet ippreżentata, sakemm il-benefiċjarju ma jkunx ġie infurmat bl-intenzjoni tal-awtorità kompetenti li twettaq verifika fuq il-post u li l-awtorità ma tkunx diġà infurmat lill-benefiċjarju b'xi nuqqasijiet ta' konformità fl-applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-pagament.

2. L-informazzjoni mogħtija mill-benefiċjarju kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollha l-effett li l-applikazzjoni għall-għajnuna tiġi aġġustata għas-sitwazzjoni attwali."

20 L-Artikolu 30 tal-istess regolament delegat, intitolat "Bażi tal-kalkolu", jgħid:

"[…]

2. L-annimali preżenti fl-impriża agrikola għandhom jiġu kkunsidrati biss bħala stabbiliti jekk ikunu identifikati fl-applikazzjoni għall-għajnuna jew fit-talba għall-pagament. […]

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31, jekk l-għadd ta' annimali ddikjarati f'applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-pagament jaqbeż dak stabbilit bħala riżultat ta' kontrolli amministrattivi jew verifiki fuq il-post, l-għajnuna jew l-appoġġ għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-annimali stabbiliti."

4. Fejn jinstabu każi ta' irregolaritajiet fir-rigward tas-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni għall-annimali bovini [bhejjem tal-ifrat], għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

[…]

c) meta n-nuqqas ta' konformità li jinstab jirrigwarda entrati żbaljati fir-reġistru, fil-passaporti tal-bhejjem jew fil-bażi tad-dejta kompjuterizzata għall-annimali, iżda ma jkunx rilevanti għall-verifika tar-rispett tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 53(4) tar-Regolament [Delegat Nru 639/2014] fil-qafas tal-iskema ta' għajnuna jew tal-miżura ta' appoġġ ikkonċernati, l-annimal ikkonċernat għandu jitqies biss bħala mhux stabbilit jekk jinstabu entrati żbaljati bħal dawn f'minn tal-inqas żewġ verifiki f'perjodu ta' 24 xahar. Fil-każijiet l-oħra kollha, l-annimali kkonċernati għandhom jitqiesu bħala mhux stabbiliti wara l-ewwel sejba.

L-entrati fis-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali bovini [bhejjem tal-ifrat], ovini u kaprini u n-notifiki [komunikazzjonijiet] li jintbagħtulha jistgħu jiġu aġġustati fi kwalunkwe ħin f'każijiet ta' żbalji evidenti rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti.";

[…]"

21 Skont l-Artikolu 31(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, intitolat "Penali amministrattivi fir-rigward ta' annimali ddikjarati fil-qafas tal-iskemi ta' għajnuna għall-annimali jew tal-miżuri ta' appoġġ marbuta mal-annimali":

"1. Meta, fir-rigward ta' applikazzjoni għall-għajnuna fil-qafas ta' skema ta' għajnuna għall-annimali jew fir-rigward ta' talba għall-pagament fil-qafas ta' miżura ta' appoġġ marbuta mal-annimali jew ta' tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' tali miżura ta' appoġġ, tinstab differenza bejn l-għadd ta' annimali ddikjarati u dak stabbilit skont l-Artikolu 30(3), l-ammont totali ta' għajnuna jew ta' appoġġ li jkun intitolat għalih il-benefiċjarju fil-qafas ta' dik l-iskema ta' għajnuna jew ta' dik il-miżura ta' appoġġ jew ta' tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' tali miżura ta' appoġġ għas-sena tat-talba kkonċernata għandu jitnaqqas bil-perċentwal li jrid jiġi stabbilit skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jekk ma jinstabux iżjed minn tliet annimali b'nuqqas ta' konformità.

2. Jekk jinstabu aktar minn tliet annimali b'nuqqas ta' konformità, l-ammont totali ta' għajnuna jew ta' appoġġ li jkun intitolat għalih il-benefiċjarju fil-qafas tal-iskema ta' għajnuna jew tal-miżura ta' appoġġ jew tat-tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' tali miżura ta' appoġġ, imsemmija fil-paragrafu 1 għas-sena tat-talba kkonċernata għandu jitnaqqas:

a) bil-perċentwal li jrid jiġi stabbilit skont il-paragrafu 3, jekk ma jkunx iżjed minn 10 %;

b) bid-doppju tal-perċentwal li jrid jiġi stabbilit skont il-paragrafu 3, jekk ikun iżjed minn 10 % iżda ma jkunx iżjed minn 20 %.

[…]

Jekk il-perċentwal stabbilit skont il-paragrafu 3 ikun iżjed minn 50 %, l-ebda għajnuna jew appoġġ li għalihom kieku l-benefiċjarju jkun intitolat skont l-Artikolu 30(3) ma għandhom jingħataw fil-qafas tal-iskema ta' għajnuna jew tal-miżura ta' appoġġ jew tat-tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' din il-miżura ta' appoġġ għas-sena tat-talba kkonċernata. Barra minn hekk, il-benefiċjarju għandu jkun soġġett għal penali addizzjonali ta' ammont li jkun daqs l-ammont li jikkorrispondi għad-differenza bejn l-għadd ta' annimali ddikjarati u l-għadd ta' annimali stabbiliti skont l-Artikolu 30(3). […].

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-perċentwali msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-għadd ta' annimali ddikjarati fil-qafas tal-iskema ta' għajnuna għall-annimali jew tal-miżura ta' appoġġ jew tat-tip ta' operazzjoni marbuta mal-annimali u li jinstabu b'nuqqasijiet ta' konformità għandu jiġi diviż bl-għadd ta' annimali li jkun ġie stabbilit għal dik l-iskema ta' għajnuna għall-annimali jew għal dik il-miżura ta' appoġġ jew tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' miżura ta' appoġġ bħal dik fir-rigward tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew tat-talba għall-pagament jew tat-tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' miżura ta' appoġġ bħal dik għas-sena tat-talba kkonċernata.

[…]"

22 L-Artikolu 34 ta' dan ir-regolament delegat, intitolat "Emendi u adattamenti tad-data fil-bażi ta' data kompjuterizzata dwar l-annimali", jipprevedi:

"Fir-rigward tal-annimali ddikjarati, l-Artikolu 15 għandu japplika għal żbalji u għal ommissjonijiet b'rabta mal-entrati fil-bażi tad-data kompjuterizzata għall-annimali li jsiru mill-waqt meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-għajnuna jew it-talba għall-pagament."

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014

23 L-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 227, p. 69), intitolat "Rekwiżiti marbutin mal-applikazzjoni għall-għajnuna relatata mal-bhejjem u mat-talbiet għall-ħlas fil-kuntest ta' miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali", jipprevedi:

"1. Applikazzjoni għall-għajnuna relatata mal-bhejjem kif iddefinita fil-punt (15) tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament [Delegat Nru 640/2014] jew talba għall-ħlas fil-kuntest ta' miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali kif iddefinita fil-punt (14) tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita l-eliġibbiltà għall-għajnuna u/jew għall-appoġġ, u b'mod partikulari:

[…]

c) l-għadd ta' annimali ta' kull tip li għalihom tkun qed titressaq applikazzjoni għall-għajnuna relatata mal-bhejjem jew talba għall-ħlas u, għall-annimali bovini [bhejjem tal-ifrat], il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali;

[…]

4. L-Istati Membri jistgħu jdaħħlu proċeduri li bihom id-dejta li tinsab fil-bażi tad-dejta kompjuterizzata tal-annimali tista' tintuża għall-għanijiet tal-applikazzjoni għall-għajnuna relatata mal-bhejjem jew tat-talba għall-ħlas, dejjem jekk il-bażi tad-dejta kompjuterizzata tal-annimali toffri l-livell ta' garanzija u implimentazzjoni meħtieġ għall-ġestjoni t-tajba tal-iskemi ta' għajnuna jew tal-miżuri ta' appoġġ ikkonċernati fil-livell tal-annimali individwali.

Il-proċeduri msemmijin fl-ewwel sottoparagrafu jistgħu jkunu magħmulin minn sistema li biha benefiċjarju jista' japplika għal għajnuna u/jew għal appoġġ għall-annimali kollha li, f'data stabbilita mill-Istat Membru jew matul perjodu stabbilit minnu, jkunu jikkwalifikaw għall-għajnuna u/jew għall-appoġġ abbażi tad-dejta li jkun hemm fil-bażi tad-dejta kompjuterizzata tal-annimali.

[…]"

Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/1393

24 Il-verżjoni tal-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali tirriżulta mill-emenda magħmula bir-Regolament Delegat (UE) 2016/1393 tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2016 li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 640/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU 2016 L 225, p. 41).

25 Il-premessa 11 tad-Deċiżjoni 2016/1393 hija fformulata kif ġej:

"L-Artikolu 53(4) tar-Regolament [Delegat Nru 639/2014] jistipula li l-Istati Membri jridu jiddefinixxu r-rekwiżit tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimali tal-ifrat bħala kundizzjoni ta' eliġibbiltà, f'konformità mar-Regolament [Nru 1760/2000]. L-għan li ssir referenza għal dak ir-Regolament bħala kundizzjoni sistematika ta' eliġibbiltà huwa li tiġi żgurata identifikazzjoni mingħajr ambigwità tal-annimali eliġibbli għall-għajnuna jew għall-appoġġ. F'dan ir-rigward, fl-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament [Delegat Nru 640/2014] għandu jiġi ċċarat li l-entrati żbaljati fir-reġistru, fil-passaporti tal-annimali u/jew fil-bażi tad-dejta kompjuterizzata għall-annimali bovini [bhejjem tal-ifrat] ta' elementi bħal pereżempju s-sess, ir-razza, il-kulur jew id-data għandhom jitqiesu bħala nuqqas ta' konformità wara l-ewwel sejba jekk it-tagħrif ikun essenzjali għall-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-annimali fil-qafas tal-iskema ta' għajnuna jew tal-miżura ta' appoġġ ikkonċernati. Inkella, l-annimal ikkonċernat għandu jitqies bħala mhux stabbilit jekk jinstabu entrati żbaljati bħal dawn f'minn tal-inqas żewġ verifiki f'perjodu ta' 24 xahar."

Id-dritt nazzjonali

Il-Marktordnungsgesetz 2007

26 L-Artikolu 8 tal-Marktordnungsgesetz 2007 (il-Liġi tal-2007 dwar l-Organizzazzjoni tas-Suq) (BGBl. I, Nru 55/2007 fil-verżjoni tal-BGBl. I, 46/2018), intitolat "Ħlasijiet diretti", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-ħlasijiet ta' pagamenti diretti skont l-Artikolu 1(a) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 […] għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji li ġejjin:

[…]

6. Għar-ragħa fuq il-muntanji jingħata appoġġ akkoppjat b'mod konformi mal-Artikolu 8f skont l-Artikolu 52 tar-Regolament [Nru 1307/2013]. Skont l-Artikolu 53(1) [ta' dan ir-regolament], ir-riżorsi disponibbli għall-pagament akkoppjat huma stabbiliti għal 2.1 % tal-limitu massimu nazzjonali.

[…]"

27 L-Artikolu 8f tal-Liġi tal-2007 dwar l-Organizzazzjoni tas-Suq, intitolat "Appoġġ akkoppjat volontarju", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-appoġġ akkoppjat previst fil-punt 6 tal-Artikolu 8(1) għandu jingħata għal bhejjem tal-ifrat, ovini u kaprini għal kull unità mċaqalqa ta' bhejjem adulti […] li jikkonsmaw għalf oħxon […]"

Id-Direktzahlungs-Verordnung 2015

28 L-Artikolu 13 tad-Direktzahlungs-Verordnung 2015 (ir-Regolament tal-2015 dwar il-pagamenti diretti) (BGBl. II, 368/2014, fil-verżjoni tal-BGBl. II, Nr. 57/2018), intitolat "Appoġġ akkoppjat volontarju", jipprevedi:

"1. L-appoġġ akkoppjat volontarju jista' jingħata biss għal bhejjem tal-ifrat, ovini u kaprini mċaqalqa lejn mergħat f'żoni muntanjużi li ġew identifikati u rreġistrati skont ir-Regolament [Nru 1760/2000] […]. Madankollu, bhima titqies ukoll eliġibbli għall-appoġġ jekk l-informazzjoni msemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament [Nru 1760/2000] tkun ġiet ikkomunikata fl-ewwel jum li fih il-bhima rispettiva tkun ġiet imċaqalqa lejn mergħa tal-muntanji.

2. Il-bdiewa għandhom japplikaw għal appoġġ akkoppjat volontarju billi jissottomettu l-'applikazzjoni multipla: żoni' u l-lista ta' bhejjem imċaqalqa lejn mergħa f'żoni muntanjużi skont l-Artikolu 22(5) tal-[Horizontale GAP-Verordnung (ir-'Regolament Orizzontali tal-PAK')] kif ukoll għall-bhejjem tal-ifrat, flimkien mal-informazzjoni mid-database elettronika għall-bhejjem tal-ifrat fir-rigward tal-komunikazzjonijiet tal-mergħa f'żoni muntanjużi/ir-ragħa skont l-Artikolu 2 tad-[Deċiżjoni 2001/672].

3. L-għadd rilevanti li għandu jitqies għall-għoti ta' appoġġ akkoppjat volontarju għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-bhejjem imċaqalqa lejn mergħa f'żoni muntanjużi tal-bidwi rispettiv sad-data finali tal-15 ta' Lulju.

4. Il-bhejjem għandhom jiġu mċaqalqa lejn mergħa f'żoni muntanjużi għal mill-inqas 60 jum. Il-perijodu taċ-ċaqliq lejn mergħa f'żoni muntanjużi għandu jibda fid-data taċ-ċaqliq [tal-bhejjem iddestinati li jirgħu], iżda mhux iktar minn ħmistax il jum qabel ma ssir il-komunikazzjoni taċ-ċaqliq lejn mergħat f'żoni muntanjużi/mergħat għall-bhejjem tal-ifrat jew il-lista ta' ragħha f'żoni muntanjużi […]"

Il-Horizontale GAP-Verordnung

29 L-Artikolu 21 tal-Horizontale GAP-Verordnung (ir-Regolament Orizzontali tal-PAK) (BGBl. II, 100/2015, fil-verżjoni tal-BGBl. II, 165/2020), intitolat "Sottomissjoni", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 1b tiegħu:

"(1) L-applikazzjoni unika (l-applikazzjoni multipla: żoni) imsemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament [Delegat Nru 640/2014] għandha tiġi sottomessa sa mhux iktar mill-15 ta' Mejju ta' kull sena ta' applikazzjoni rispettiva skont l-Artikolu 3(1).

[…]

(1b) Fir-rigward tas-sena tal-applikazzjoni tal-2020, b'deroga mill-paragrafu 1, l-applikazzjoni unika għandha tiġi sottomessa sa mhux iktar tard mill-15 ta' Ġunju 2020. Għas-sena tal-applikazzjoni tal-2020, l-emendi msemmija fl-Artikolu 15(1) tar-[Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014] jistgħu jiġu kkomunikati sat-30 ta' Ġunju 2020."

[…]"

30 L-Artikolu 22 ta' dan ir-regolament, intitolat "Applikazzjoni unika", jipprovdi:

"(1) L-applikazzjoni unika għandha ssir mil-bdiewa kollha li japplikaw għal pagamenti diretti jew […] b'mod konformi mar-regoli skont l-Artikolu 21. […]

[…]

(5) Fil-każ ta' ċaqliq ta' bhejjem lejn mergħat lejn żoni muntanjużi u mergħat komuni, il-lista ta' ragħha f'żoni muntanjużi għandha tiġi ppreżentata sa mhux iktar tard mill-15 ta' Lulju tas-sena li fiha ssir l-applikazzjoni."

Ir-Rinderkennzeichnungs-Verordnung 2008

31 Skont l-Artikolu 6 tar-Rinderkennzeichnungs-Verordnung 2008 (ir-Regolament tal-2008 dwar l-Identifikazzjoni tal-Bhejjem tal-Ifrat) (BGBl. II, 201/2008, fil-verżjoni tal-BGBl. II, 285/2019):

"1. Għandhom jiġu kkomunikati, f'terminu ta' sebat ijiem:

[…]

2. Il-movimenti ta' bhejjem bejn l-azjendi agrikoli ta' bdiewa li jinsabu f'muniċipalitajiet differenti bl-indikazzjoni tad-data addizzjonali meħtieġa għall-passaport tal-bhima.

(1a) Il-komunikazzjoni tas-segwenti għandha ssir fi żmien 15-il jum:

iċ-ċaqliq lejn mergħat f'żoni muntanjużi jew mergħat jekk ikun hemm taħlit ta' bhejjem tal-ifrat ta' diversi bdiewa,

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

32 Fl-2020, T F ippreżenta applikazzjoni unika għal appoġġ għaż-żoni li permezz tagħha huwa talab b'mod partikolari l-għoti ta' appoġġ akkoppjat għal bhejjem tal-ifrat imċaqalqa lejn il-mergħat tas-sajf.

33 Fit-28 ta' Mejju 2020, T F ittrasferixxa erba' bhejjem tal-ifrat lejn il-mergħat, liema trasferiment ġie kkomunikat lill-AMA fl-1 ta' Ġunju 2020, jiġifieri fit-terminu ta' ħmistax-il jum previst fil-punt 1 tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-2008 dwar l-identifikazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat. Huwa kkomunika wkoll, fit-terminu mogħti, it-twelid ta' bhima tal-ifrat imwieled fil-mergħat fl-1 ta' Lulju 2020.

34 Min-naħa l-oħra, kien biss fil-15 ta' Ġunju 2020 li T F ikkomunika lill-AMA li tnax-il bhima tal-ifrat ieħor kienu diġà ġew imċaqalqa lejn il-mergħat fid-9 ta' Mejju 2020, ma' bhejjem tal-ifrat ta' persuni oħra li jrabbu. Din il-komunikazzjoni tardiva kienet tippreċiża n-numri individwali ta' identifikazzjoni tat-tnax-il annimal imċaqlaq u tal-impriża agrikola ta' T F, kif ukoll id-data prevista għat-tluq ta' dawn l-annimali mill-mergħat, jiġifieri l-31 ta' Ottubru 2020.

35 Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Jannar 2021, l-AMA tat lil T F pagamenti diretti għas-sena 2020 li jammontaw għal EUR 17 086.71. Dawn il-pagamenti kienu jinkludu primjum bażiku, primjum ta' ekoloġizzazzjoni u appoġġ akkoppjat ta' EUR 119.44.

36 Fir-rigward ta' dan l-appoġġ akkoppjat, l-AMA madankollu enfasizzat li, għalkemm il-kundizzjoni dwar it-tul tar-ragħa ta' 60 jum kienet ġiet osservata għall-annimali kollha li ċ-ċaqliq tagħhom kien ġie kkomunikati minn T F, komunikazzjoni fit-terminu stabbilit mill-Istat Membru, konformement mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000, taċ-ċaqliq tal-annimali lejn il-mergħat kienet saret biss għal ħamsa mill-imsemmija annimali. Min-naħa l-oħra, il-komunikazzjoni saret biss wara l-iskadenza ta' dan it-terminu f'dak li jirrigwarda t-tnax-il bhima tal-ifrat l-oħra mċaqalqa fid-9 ta' Mejju 2020. Dan in-numru ta' annimali kellu għalhekk, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, jiġi pparagunat mal-annimali tal-ifrat li għalihom il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna kienu ssodisfatti. Minn dan irriżulta tnaqqis ta' 100 % tal-għajnuna, b'mod li ebda appoġġ akkoppjat ma seta' jingħata f'dan ir-rigward għall-2020. Barra minn hekk, l-AMA qieset li, konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, kien hemm lok li fuq T F tiġi imposta sanzjoni addizzjonali għall-ammont ta' EUR 235.60, li kellha tinżamm fuq il-pagamenti li kellhom ikunu dovuti lilu għat-tliet snin kalendarji sussegwenti.

37 Permezz ta' rikors ippreżentat fid-9 ta' Frar 2021 quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija), T F ikkontesta deċiżjoni adottata mill-AMA fl-intier tagħha.

38 Permezz ta' sentenza mogħtija fis-16 ta' Novembru 2021, il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) laqgħet ir-rikors. Hija annullat kemm it-tnaqqis tal-appoġġ akkoppjat kif ukoll is-sanzjoni amministrattiva u imponiet fuq l-AMA li twettaq kalkolu ġdid u li tadotta deċiżjoni ġdida dwar it-talba għal għajnuna ta' T F.

39 Din il-qorti qieset li l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' komunikazzjoni ta' ċaqliq ta' annimali fi żmien xieraq setgħu, ċertament, iwasslu għal tnaqqis tal-appoġġ akkoppjat kif ukoll għal sanzjoni skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014. Madankollu, kellu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll l-Artikolu 15(1) ta' dan ir-regolament delegat, li jipprovdi li sanzjoni ma tapplikax jekk il-benefiċjarju jindika bil-miktub, lill-awtorità kompetenti, li l-applikazzjoni għal għajnuna tkun inkorretta jew li tkun saret hekk wara li tkun ġiet ippreżentata. Issa, din l-aħħar dispożizzjoni hija applikabbli f'dan il-każ, peress li komunikazzjoni tardiva għandha titqies li tikkostitwixxi wkoll tali senjalazzjoni bil-miktub. Il-prinċipju ta' proporzjonalità kien jimmilita wkoll favur din l-interpretazzjoni.

40 L-AMA ppreżentat rikors għal reviżjoni kontra din is-sentenza quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Awstrija), li hija l-qorti tar-rinviju.

41 Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-qorti tar-rinviju tesponi, fl-ewwel lok, li, permezz tal-Artikolu 13(2) u (3) tar-Regolament tal-2015 dwar il-pagamenti diretti, il-leġiżlatur Awstrijak għamel użu mill-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri, permezz tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014, li tintuża l-informazzjoni li tinsab fid-database kompjuterizzata għall-annimali għall-finijiet tat-trattament ta' kull applikazzjoni għal għajnuna jew għal pagamenti għall-annimali. L-applikazzjoni għal appoġġ akkoppjat ippreżentata minn bidwi ssir għalhekk f'diversi stadji, konformement mal-Artikolu 13(2) ta' dan ir-regolament.

42 Għalhekk, fil-kuntest ta' applikazzjoni unika għal għajnuna marbuta ma-żona, li kellha tiġi ppreżentata qabel il-15 ta' Ġunju 2020, konformement mal-Artikolu 21(1) u (1b) tar-Regolament Orizzontali dwar il-PAK, tali bidwi qabel kollox isostni l-prinċipju ta' appoġġ akkoppjat. L-applikazzjoni kkonkretizzata ssir permezz tal-komunikazzjoni tal-moviment tal-bhejjem lejn il-mergħat tas-sajf, li tinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 2001/672, li għandha ssir f'terminu ta' 15-il jum mill-moviment tal-annimali, skont l-Artikolu 6(1a) tar-Regolament dwar l-identifikazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat u l-Artikolu 2(2) u (4) tad-Deċiżjoni 2001/672.

43 Il-komunikazzjonijiet jiġu rreġistrati fid-database elettronika nazzjonali dwar l-bhejjem tal-ifrat li sussegwentement tippermetti li jiġi ddeterminat in-numru ta' bhejjem tal-ifrat li jkunu ċċaqalqu fis-sajf fid-data tal-15 ta' Lulju, li hija, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament tal-2015 dwar il-pagamenti diretti, id-data ta' riferiment għall-kalkolu tan-numru ta' annimali rilevanti. Huwa fid-dawl ta' dawn ir-reġistrazzjonijiet f'din id-database li l-appoġġ akkoppjat volontarju li għalih il-persuna li trabbi għandha dritt tiġi kkalkolata.

44 Fil-kawża li għandha quddiemha l-qorti tar-rinviju, il-komunikazzjoni saret fil-15 ta' Ġunju 2020. B'hekk, fid-data ta' riferiment rilevanti għad-determinazzjoni tan-numru ta' annimali, li kienet, konformement mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament tal-2015 dwar il-pagamenti diretti, il-15 ta' Lulju 2020, kellu jkun hemm għalhekk komunikazzjoni dwar dawn it-tnax-il bhima tal-ifrat u reġistrazzjoni tagħhom fid-database kompjuterizzata għall-annimali.

45 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, f'dan il-każ, l-obbligu ta' komunikazzjoni fil-ħmistax-il jum wara ċ-ċaqliq ta' dawn l-annimali tal-ifrat, li jirriżulta mill-Artikolu 2(2) u (4) tad-Deċiżjoni 2001/672, moqri flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1760/2000, jew tal-Artikolu 6(1a) tar-Regolament dwar l-identifikazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat ma ġiex osservat peress li l-imsemmija annimali ġew imċaqalqa fid-9 ta' Mejju 2020.

46 Hija tirrileva, madankollu, li, bis-saħħa tal-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, meta l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati jikkonċernaw entrati żbaljati fid-database kompjuterizzata għall-annimali, iżda jkunu irrilevanti għall-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 53(4) tar-Regolament Delegat Nru 639/2014, l-annimal ikkonċernat jitqies li ma huwiex determinat, fis-sens tal-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, ħlief jekk dawn l-entrati żbaljati jiġu kkonstatati matul żewġ kontrolli tal-inqas fuq perijodu ta' 24 xahar.

47 Skont il-qorti tar-rinviju, tqum għalhekk il-kwistjoni dwar jekk komunikazzjoni tardiva, bħal dik inkwistjoni fil-kawża li għandha quddiemha, tistax titqies li hija entrata żbaljata fid-database kompjuterizzata għall-annimali, li ma hijiex determinanti għall-kundizzjonijiet l-oħra għall-għoti tal-għajnuna, fis-sens tal-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

48 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, jekk l-ewwel domanda kellha tingħata risposta negattiva u li għalhekk ma jkunx hemm lok li jingħata l-appoġġ akkoppjat għat-tnax-il bhima tal-ifrat ta' T F imċaqalqa lejn il-mergħat fid-9 ta' Mejju 2020, tqum il-kwistjoni dwar jekk hemmx lok li jiġu imposti s-sanzjonijiet amministrattivi previsti fil-Kapitolu IV ta' dan ir-regolament delegat.

49 F'dan ir-rigward, hija tosserva li l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jipprevedi b'mod partikolari, bħala eċċezzjoni għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi previsti fil-Kapitolu IV ta' dan ir-regolament delegat, li dawn is-sanzjonijiet ma japplikawx fir-rigward

tal-parti tat-talba għal għajnuna li l-benefiċjarju jkun indika bil-miktub lill-awtorità kompetenti bħala inkorretta, bil-kundizzjoni li l-benefiċjarju ma jkunx ġie avżat li din l-awtorità kellha l-intenzjoni li twettaq verifika fuq il-post u ma jkunx diġà ġie informat mill-imsemmija awtorità bil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati fit-talba tiegħu għal għajnuna jew għal pagament.

50 Ċertament, skont il-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 15(1) tal-imsemmi regolament delegat jirrigwarda biss l-ineżattezza tat-talba għal għajnuna nnifisha, u mhux każ ta' nuqqas ta' konformità fil-qasam tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimali. Madankollu, l-Artikolu 34 tal-istess regolament delegat jestendi l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għall-iżbalji u l-ommissjonijiet li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni fid-database kompjuterizzata, u b'hekk jagħti l-possibbiltà lill-persuni li jrabbu l-annimali li jikkoreġu, fuq inizjattiva tagħhom stess, in-nuqqasijiet tagħhom qabel ma l-awtorità kompetenti tintervjeni billi tħabbar kontroll fuq il-post jew billi tikkomunika n-nuqqas ta' konformità, u b'hekk jiġu evitati sanzjonijiet amministrattivi.

51 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-Artikoli 15 u 34 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jidhru li għandhom l-għan li jiffavorixxu lil min irabbi li, mingħajr ma jkun imġiegħel, jikkoreġi aġir żbaljat, li ma jippermettilux jikseb l-appoġġ għall-annimali kkonċernati iżda tevitalu sanzjonijiet amministrattivi. Fil-fatt, ma hemmx raġuni għaliex komunikazzjoni tardiva, bħal dik inkwistjoni fil-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju, twassal għal konsegwenzi iktar gravi minn dawk li jirriżultaw minn komunikazzjoni inkorretta jew minn nuqqas ta' komunikazzjoni li twassal għal entrata żbaljata jew inkompleta fid-database nazzjonali. Il-prinċipju ta' proporzjonalità tas-sanzjonijiet, imfakkar fl-Artikolu 77(6) tar-Regolament Nru 1306/2013, jista' wkoll jimmilita favur l-applikazzjoni tal-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 fil-każ ta' tali komunikazzjoni tardiva.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Fil-każ ta' applikazzjoni għal appoġġ għall-annimali fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-punt 15 tal-Artikolu 2(1) tar-[Regolament Delegat Nru 640/2014] introdotta għas-sena 2020 għall-għoti ta' appoġġ akkoppjat, li għaliha tintuża fis-sens tal-Artikolu 21(4) tar-[Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014], l-informazzjoni fid-database elettronika għall-bhejjem tal-ifrat, tikkostitwixxi, fil-każ ta' applikazzjoni ppreżentata wara l-iskadenza tat-terminu ta' 15-il jum wara li l-annimali (baqar) ikunu ġew imċaqalqa lejn mergħa, skont […]l-Artikolu 2(2) [u (4)] tad-Deċiżjoni [2001/672], moqri flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament [Nru 1760/2000], entrata żbaljata fid-database elettronika għall-bhejjem tal-ifrat, konformement mal-Artikolu 30(4)(c) tar-[Regolament Delegat Nru 639/2014], li ma hijiex deċiżiva għall-verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 53(4) tar-Regolament [Delegat Nru 639/2014], taħt l-iskema ta' appoġġ jew miżura ta' appoġġ inkwistjoni, sabiex l-annimali kkonċernati jitqiesu mhux determinati biss jekk din l-entrata żbaljata tiġi osservata matul mill-inqas żewġ kontrolli f'perijodu ta' [24] xahar?

2. Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

Is-sanzjonijiet amministrattivi previsti fil-Kapitolu IV tar-Regolament Delegat [Nru] 640/2014 japplikaw fis-sens tal-Artikoli 15(1) u 34 tar-Regolament Delegat 640/2014 għall-applikazzjoni għal appoġġ akkoppjat imsemmija fl-ewwel domanda, meta l-bidwi jkun indirizza lill-awtorità kompetenti komunikazzjoni bil-miktub skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 2(2)

tad-Deċiżjoni 2001/672, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament [Nru] 1760/2000, dwar iċ-ċaqliq ta' annimali għall-mergħa, bil-komunikazzjoni tindika d-dewmien fir-rigward tat-terminu ta' 15-il jum taħt dawn id-dispożizzjonijiet, sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx informat minn qabel lill-applikant bl-intenzjoni li twettaq kontroll fuq il-post u ma tkunx informatu diġà dwar ksur fir-rigward tal-applikazzjoni għal għajnuna?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

53 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 2(a) u l-punt 18(a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1), kif ukoll l-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li komunikazzjoni taċ-ċaqliq tal-bhejjem tal-ifrat lejn il-mergħat tas-sajf li jinsabu fiż-żoni muntanjużi li ma tosservax it-terminu stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat, konformement mal-Artikolu 2(2) u (4), id-deċiżjoni 2001/672, moqrija flimkien mal-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 1760/2000, tista' titqies li tkun entrata żbaljata fid-database kompjuterizzata għall-annimali li ma tkunx rilevanti għall-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' din l-applikazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, b'tali mod li dawn il-bhejjem jistgħu għalhekk jitqiesu li jaqgħu taħt il-kategorija ta' "annimal determinat", fis-sens tal-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament delegat.

54 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li din id-domanda tirrigwarda applikazzjoni għal għajnuna marbuta mal-annimali, fis-sens tal-punt 2(a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, jiġifieri applikazzjoni għal għajnuna fil-każ fejn il-pagament annwali li għandu jingħata, f'limiti kwantitattivi ddefiniti, ikun ibbażat fuq numru fiss ta' annimali fil-kuntest tal-appoġġ akkoppjat volontarju previst fil-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tar-Regolament Nru 1307/2013, li saret sabiex wieħed jibbenefika minn skema ta' għajnuna marbuta mal-annimali, fis-sens tat-tieni inċiż tal-punt 13 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, jiġifieri tali miżura ta' appoġġ akkoppjat volontarja. Iktar preċiżament, din hija applikazzjoni għal appoġġ akkoppjat fir-rigward ta' bhejjem tal-ifrat li jiġu mċaqalqa lejn mergħat tas-sajf li jinsabu f'żoni muntanjużi.

55 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, għall-komunikazzjoni taċ-ċaqliq tal-bhejjem tal-ifrat lejn dawn il-mergħat, tintuża, konformement mal-Artikolu 21(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014, id-database kompjuterizzata għall-annimali msemmija fil-punt 9 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

56 Sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda magħmula, għandu jiġi eżaminat, fl-ewwel lok, jekk l-osservanza tat-terminu previst għall-komunikazzjoni tal-moviment ta' bhejjem lejn il-mergħat tas-sajf li jinsabu f'żoni muntanjużi għandux jitqies li huwa kundizzjoni applikabbli għall-għoti tal-għajnuna, fis-sens tal-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

57 Skont ġurisprudenza stabbilita, għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħhom, iżda wkoll il-kuntest tagħhom u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li jagħmlu parti minnha (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Infraestruturas de Portugal u Futrifer Indústrias Ferroviárias, C-66/22, EU:C:2023:1016, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Mill-formulazzjoni tal-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jirriżulta li l-frażi "annimal determinat" tfisser, fil-kuntest ta' skema ta' għajnuna marbuta mal-annimali, annimal li għalih il-kundizzjonijiet kollha applikabbli għall-għoti ta' għajnuna jiġu ssodisfatti.

59 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 53(4) tar-Regolament Delegat Nru 639/2014 jeżiġi mill-Istati Membri li huma jiddefinixxu, bħala kundizzjoni ta' eliġibbiltà għall-benefiċċju tal-miżuri ta' appoġġ akkoppjat għall-bhejjem tal-ifrat, ir-rekwiżiti fil-qasam tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-annimali previsti mir-Regolament Nru 1760/2000. Dawn ir-rekwiżiti jinsabu fl-Artikoli 1 *et seq*. tat-Titolu I ta' dan ir-regolament, intitolat "Identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini [bhejjem tal-ifrat]".

60 It-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000 kien jipprevedi, fil-verżjoni inizjali tiegħu, li kull sid tal-bhejjem għandu jissenjala lill-awtorità kompetenti, f'terminu massimu ffissat mill-Istat Membru kkonċernat li jmur minn tlieta sa sebat ijiem, il-movimenti kollha ta' annimali lejn u mill-ażjenda, kif ukoll it-twelid u l-imwiet kollha tal-annimali tal-ażjenda, flimkien mad-dati ta' dawn l-avvenimenti. Madankollu, din id-dispożizzjoni kienet tindika li, fuq talba ta' Stat Membru, u konformement mal-proċedura indikata fl-Artikolu 23(2) ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni tista' tiddetermina ċ-ċirkustanzi li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu t-terminu massimu u jipprevedu regoli speċifiċi applikabbli għall-movimenti tal-bhejjem tal-ifrat meta jinħarġu għall-mergħa tas-sajf f'varji żoni muntanjużi.

61 Wara l-emendi li saru fl-imsemmi regolament permezz tar-Regolament Nru 653/2014, din il-possibbiltà kienet prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1760/2000, li bis-saħħa tiegħu, sabiex tiġi żgurata traċċabbiltà adegwata u effettiva tal-bhejjem tal-ifrat imċaqalqa għall-mergħa staġjonali, il-Kummissjoni setgħet tadotta atti ddelegati fir-rigward b'mod partikolari tar-regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-movimenti ta' dawn il-bhejjem tal-ifrat.

62 Huwa abbażi tat-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000, fil-verżjoni inizjali tiegħu, li l-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2001/672, li l-Artikolu 2(2) tagħha jipprevedi li l-persuna responsabbli għall-mergħat għandha tistabbilixxi lista ta' bhejjem tal-ifrat li jistgħu jiċċaqalqu lejn mergħat tas-sajf li jinsabu f'żoni muntanjużi, li għandha tinkludi b'mod partikolari n-numru ta' identifikazzjoni individwali ta' kull bhima tal-ifrat. Bis-saħħa tal-Artikolu 2(4) ta' din id-deċiżjoni, l-informazzjoni li tinsab f'din il-lista għandha tiġi kkomunikata lill-awtorità kompetenti konformement mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 mhux iktar tard minn 15-il jum wara d-data ta' meta l-annimali jaslu fil-mergħa.

63 Kemm it-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000, u kemm l-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni 2001/672 huma fformulati f'termini imperattivi li jiddeskrivu b'mod dettaljat il-portata tal-obbligu tal-komunikazzjoni għal minn irabbi l-annimali u

jiddefinixxu bi preċiżjoni t-terminu impost fuq dawn il-persuni sabiex iwettqu l-imsemmi obbligu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Mejju 2007, Maatschap Schonewille-Prins, C-45/05, EU:C:2007:296, punt 36).

64 Barra minn hekk, l-aħħar parti tat-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1), kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000 jiddeterminaw b'mod preċiż il-modalitajiet ta' proroga ta' dan it-terminu. Issa, l-indikazzjoni preċiża ta' dawn il-modalitajiet tkun bla effett utli jekk dawk li jżommu l-annimali jkunu ħielsa milli josservaw dan it-terminu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Mejju 2007, Maatschap Schonewille-Prins, C-45/05, EU:C:2007:296, punt 37).

65 Għaldaqstant, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 2(2) u (4) tad-Deċiżjoni 2001/672 u minn dik tat-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000 jirriżulta li kull min iżomm l-annimali huwa marbut li josserva t-terminu mogħti sabiex jikkomunika l-moviment ta' bhima tal-ifrat fid-destinazzjoni jew provenjenti mill-ażjenda tiegħu sabiex jikseb l-appoġġ akkoppjat mitlub u li, għaldaqstant, l-osservanza ta' dan it-terminu għandha titqies li hija kundizzjoni applikabbli għall-għoti tal-għajnuna, fis-sens tal-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

66 Ċertament, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(4) tar-Regolament Delegat Nru 639/2014 jirriżulta li, bla ħsara għal kundizzjonijiet oħra ta' eliġibbiltà, annimal għandu jitqies ukoll eliġibbli għall-appoġġ meta r-rekwiżiti tal-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu 53(4) jiġu ssodisfatti f'data ffissata mill-Istat Membru, fil-limiti stabbiliti f'dan it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(4).

67 F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li bis-saħħa tal-Artikolu 13 tar-Regolament tal-2015 dwar il-Pagamenti Diretti, annimal jista' jkun eliġibbli għall-għajnuna, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(4) tar-Regolament Delegat Nru 639/2014 meta l-informazzjoni msemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000 tkun ġiet ikkomunikata fl-ewwel jum fil-mergħat tal-annimal ikkonċernat. Madankollu, fid-dawl tal-fatti kif deskritti fid-deċiżjoni tar-rinviju, din id-dispożizzjoni ma tidhirx li hija rilevanti f'dan il-każ, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

68 L-interpretazzjoni tal-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 li tirriżulta mill-punt 65 ta' din is-sentenza hija kkonfermata mill-kuntest li fih tidħol din id-dispożizzjoni.

69 Fil-fatt, mill-punt 2(a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) kif ukoll mill-premessi 2, 28 u 31 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jirriżulta li l-frażi "nuqqas ta' konformità" tintuża, f'dan ir-regolament delegat, sabiex tiddeskrivi b'mod partikolari s-sitwazzjoni li fiha l-kriterji ta' eliġibbiltà ma jkunux issodisfatti. Skont l-Artikolu 30(4)(c) ta' dan ir-regolament delegat, l-entrati żbaljati fir-reġistru, il-passaporti għall-annimali jew id-database kompjuterizzata għall-annimali jikkostitwixxu każijiet ta' nuqqas ta' konformità. Issa, il-premessa 11 tar-Regolament Delegat 2016/1393, li ssemmi din id-dispożizzjoni, tiċċita espliċitament l-entrata żbaljata relatata mad-data, fost l-eżempji ta' entrati żbaljati.

70 L-interpretazzjoni li tinsab fil-punt 65 ta' din is-sentenza hija kkorroborata wkoll mill-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 1760/2000 u mid-Deċiżjoni 2001/672.

71 Fil-fatt, ir-Regolament Nru 1760/2000, hekk kif jirriżulta mill-premessi 4 sa 7 tiegħu, ifittex li tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur fil-laħam taċ-ċanga u l-prodotti mil-laħam taċ-ċanga, li jinżamm livell iktar għoli tas-saħħa pubblika u li tissaħħaħ l-istabbiltà fit-tul tas-suq tal-laħam taċ-ċanga (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Mejju 2007, Maatschap Schonewille-Prins, C-45/05, EU:C:2007:296, punt 40).

72 Sabiex dawn l-għanijiet ikunu jistgħu jintlaħqu, huwa indispensabbli li s-sistema ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat tkun totalment effettiva u affidabbli dejjem, biex, b'mod partikolari, tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jindividwaw malajr kemm jista' jkun, fil-każ ta' epiżootomija, il-provenjenza ta' annimal u li jittieħdu immedjatament il-miżuri neċessarji sabiex jiġi evitat kull riskju għas-saħħa pubblika. Issa, dan ma jkunx il-każ jekk dak li jżomm l-annimali ma jkunx ikkomunika ċ-ċaqliq tal-bhejjem tal-ifrat tiegħu fid-database kompjuterizzat fit-terminu previst fit-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000 (sentenza tal-24 ta' Mejju 2007, Maatschap Schonewille-Prins, C-45/05, EU:C:2007:296, punt 41).

73 Barra minn hekk, mill-premessa 74 tar-Regolament Delegat Nru 639/2014 essenzjalment jirriżulta li, fir-rigward b'mod partikolari tal-appoġġ akkoppjat volontarju, ir-rekwiżiti ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni tal-annimali previsti fir-Regolament Nru 1760/2000 huma intiżi wkoll li jippermettu lill-Kummissjoni tivverifika li l-Istati Membri jkunu qiegħdin josservaw ir-rekwiżiti dwar il-koerenza u n-nuqqas ta' kumulu tal-appoġġ, kif ukoll il-perċentwali massimi tal-limiti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 53 tar-Regolament Nru 1307/2013 u l-ammonti totali relatati matul it-tħejjija tal-miżuri ta' appoġġ.

74 Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2001/672 għandhom ukoll bħala għan, konformement mal-premessa 3 tagħha, li "jippermettu li jkun magħruf il-post fejn jinsab kull annimal tal-ifrat".

75 Minn dan isegwi li n-nuqqas ta' osservanza tat-terminu ta' komunikazzjoni, previst fl-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni 2001/672, moqri flimkien mat-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000, jikkostitwixxi każ ta' nuqqas ta' konformità mal-identifikazzjoni u mar-reġistrazzjoni previsti minn dan ir-regolament, b'tali mod li, bħala prinċipju, l-annimali kkonċernati ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt il-kategorija ta' "annimal determinat", fis-sens tal-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

76 Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat jekk il-fatt li ssir komunikazzjoni tardiva ta' ċaqliq ta' annimali jikkostitwixxix każ ta' nuqqas ta' konformità li huwa irrilevanti għall-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna inkwistjoni, fis-sens tal-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014. F'dan ir-rigward, jirriżulta, ċertament, minn din id-dispożizzjoni li, meta l-każ ta' nuqqas ta' konformità ikkonstatat jirrigwarda entrati żbaljati fir-reġistru, fil-passaporti tal-annimali jew fid-database kompjuterizzata għall-annimali, iżda ma jkunx rilevanti għall-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 53(4) tar-Regolament Delegat Nru 639/2014 fil-kuntest tal-iskema ta' għajnuna jew tal-miżura ta' appoġġ ikkonċernat, l-annimal inkwistjoni għandu jitqies biss li jkun mhux stabbilit jekk jinstabu entrati żbaljati bħal dawn f'minn tal-inqas żewġ verifiki f'perjodu ta' 24 xahar. Fil-każijiet l-oħra kollha, l-annimali kkonċernati għandhom jitqiesu bħala mhux determinati wara l-ewwel sejba.

77 Madankollu, f'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li mill-formulazzjoni stess tal-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jirriżulta li din id-dispożizzjoni tikkonċerna biss każijiet ta' nuqqas ta' konformità li jkunu irrilevanti għall-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà "għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 53(4) tar-Regolament Delegat Nru 639/2014". Minn dan isegwi li l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkostitwiti minn ksur tar-rekwiżiti dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat, previsti fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1760/2000, li jissemmew fl-Artikolu 53(4) tar-Regolament Delegat Nru 639/2014, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel sentenza tal-imsemmi Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

78 It-tieni nett, u kif spjegat l-Avukata Ġenerali fil-punti 52 sa 56 tal-konklużjonijiet tagħha, il-fatt li ma ssirx il-komunikazzjoni meħtieġa fit-terminu stabbilit, billi tiddaħħal id-data inkwistjoni fid-database kompjuterizzata għall-annimali, ma jistax jiġi assimilat ma' "reġistrazzjoni mhux eżatta" f'din id-database, fis-sens tal-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014. Fil-fatt, komunikazzjoni tardiva telimina biss għall-futur nuqqas li, fid-dawl tar-rekwiżit ta' traċċabbiltà permanenti tal-post fejn jinsab l-annimal ikkonċernat, fir-realtà ma jkunx jista' tiġi rrettifikata b'mod retroattiv.

79 Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-premessa 2 tar-Regolament Delegat Nru 2015/1383 tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Mejju 2015, li jemenda r-Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014 fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà marbuta mar-rekwiżiti għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali għall-appoġġ akkoppjat previst fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 (ĠU 2015, L 214, p. 1), li tgħid li mill-Artikolu 53(4) tar-Regolament Delegat Nru 639/2014 jirriżulta li, "ladarba r-rekwiżiti għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali [previsti, b'mod partikolari, fir-Regolament Nru 1760/2000] ma jiġux sodisfatti, l-annimali kkonċernati għandhom jieqfu definittivament milli jkunu eliġibbli għall-appoġġ akkoppjat volontarju, anki jekk il-lakuni inkwistjoni jiġu kkoreġuti sussegwentement".

80 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-punt 2(a) u l-punt 18(a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) kif ukoll l-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 għandhom jiġu interpretati fis-sens li komunikazzjoni taċ-ċaqliq tal-bhejjem tal-ifrat lejn mergħat tas-sajf li jinsabu f'żoni muntanjużi, li ma tosservax it-terminu stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat, konformement mal-Artikolu 2(2) u (4) tad-Deċiżjoni 2001/672, moqrija flimkien mal-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 1760/2000, ma tistax titqies li hija entrata żbaljata fid-database kompjuterizzata għall-annimali li hija irrilevanti għall-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' din l-applikazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, b'tali mod li dawn l-annimali ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt il-kategorija ta' "annimal determinat", fis-sens tal-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament delegat.

Fuq it-tieni domanda

81 Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, magħmula fl-ipoteżi fejn l-ewwel domanda għandha tingħatalha risposta negattiva u li għalhekk ma jkunx hemmx lok li jingħata l-appoġġ akkoppjat għall-bhejjem tal-ifrat li għalihom it-terminu ta' komunikazzjoni previst fl-Artikolu 2(2) u (4) tad-Deċiżjoni 2001/672, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 1760/2000, ma jiġix osservat, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 15(1) u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li s-sanzjonijiet amministrattivi previsti fl-Artikolu 31 ta' dan ir-regolament delegat għandhom ukoll jiġu applikati fil-każ fejn il-komunikazzjoni taċ-ċaqliq tal-bhejjem

tal-ifrat lejn il-mergħat tas-sajf, permezz tal-inklużjoni tad-data inkwistjoni fid-database kompjuterizzata għall-annimali, tkun twettqet tardivament iżda fejn il-benefiċjarju ma jkunx kienx ġie avżat li l-awtorità kompetenti kien ser ikollha l-intenzjoni li twettaq verifika fuq il-post u ma jkunx diġà ġie informat minn din l-awtorità bil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatat minn din tal-aħħar.

82 Mill-Artikolu 31(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jirriżulta li sanzjonijiet amministrattivi jiġu applikati meta tiġi kkonstatata differenza bejn in-numru ta' annimali ddikjarati u n-numru ta' annimali determinati, jiġifieri meta jkun hemm każijiet ta' nuqqas ta' konformità. F'dan il-każ, mir-risposta għall-ewwel domanda preliminari jirriżulta li l-komunikazzjoni tardiva taċ-ċaqliq tal-bhejjem tal-ifrat lejn il-mergħat tas-sajf li jinsabu f'żoni muntanjużi tikkostitwixxi każ ta' nuqqas ta' konformità.

83 Bis-saħħa tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 31(2) ta' dan ir-regolament delegat, jekk id-differenza bejn in-numru ta' annimali ddikjarati u n-numru ta' annimali determinati, ikkalkolati skont l-Artikolu 31(3) tal-imsemmi regolament delegat, taqbeż 50 %, kif jidher li huwa l-każ fil-kawża prinċipali, l-għajnuna jew l-appoġġ li l-benefiċjarju kien intitolat għalih skont l-Artikolu 30(3) tal-istess regolament delegat ma għandhiex tingħata skont l-iskema ta' għajnuna jew il-miżura ta' appoġġ jew it-tip ta' operazzjoni relatata ma' din il-miżura ta' appoġġ għas-sena tat-talba inkwistjoni. Barra minn hekk, jiġi impost fuqu sanzjoni addizzjonali ta' ammont ekwivalenti għal dak li jikkorrispondi mad-differenza bejn in-numru ta' annimali ddikjarati fl-applikazzjoni għal għajnuna u n-numru ta' annimali determinati, konformement ma' dan l-Artikolu 30(3).

84 Minn dan isegwi li, f'tali każ, l-bidwi li japplika għall-appoġġ akkoppjat mhux biss jitlef id-dritt għal dan is-sostenn iżda barra minn hekk tiġi imposta fuqu sanzjoni amministrattiva.

85 Madankollu, bis-saħħa tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, is-sanzjonijiet amministrattivi ma japplikawx fir-rigward tal-parti tal-applikazzjoni għal għajnuna jew tat-talba għal pagament li l-benefiċjarju jkun indika bil-miktub lill-awtorità kompetenti bħala inkorretta jew li tkun saret inkorretta minn meta tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni, bil-kundizzjoni li l-benefiċjarju ma jkunx ġie avżat li din l-awtorità kellha l-intenzjoni li twettaq verifika fuq il-post u ma jkunx diġà ġie informat mill-imsemmija awtorità bil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati fit-talba tiegħu għal għajnuna jew għal pagament.

86 B'differenza mill-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, dan l-Artikolu 15(1) ma jeskludix ċerti każijiet ta' nuqqas ta' konformità mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

87 Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 34 ta' dan ir-regolament delegat, fir-rigward tal-annimali ddikjarati, l-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament delegat għandu japplika għal żbalji u għal ommissjonijiet b'rabta mal-entrati fid-database kompjuterizzata għall-annimali li jsiru mill-waqt meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-għajnuna jew it-talba għall-pagament.

88 Mill-fatti esposti fid-deċiżjoni tar-rinviju jidher li jirriżulta li t-tnax-il annimal tal-ifrat li l-moviment tagħhom lejn il-mergħat tas-sajf li kienu jinsabu f'żoni muntanjużi ġie kkomunikat tard, kienu diġà ġew identifikati fit-talba għall-għoti ta' appoġġ akkoppjat u kienu għalhekk "annimali ddikjarati" fis-sens tal-punt 16 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

89 Barra minn hekk, mill-indikazzjonijiet ipprovduti fid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-komunikazzjoni taċ-ċaqliq tal-bhejjem tal-ifrat inkwistjoni lejn mergħat tas-sajf li jinsabu f'żoni muntanjużi kienet issir permezz tal-inklużjoni ta' din l-informazzjoni fid-database kompjuterizzata għall-annimali.

90 Minn dan isegwi li, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 74 tal-konklużjonijiet tagħha, skont l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament delegat, ebda sanzjoni amministrattiva ma tista' tiġi imposta minħabba s-sempliċi fatt li l-komunikazzjoni meħtieġa tkun saret tard, bil-kundizzjoni, madankollu, li, kif tipprevedi din l-aħħar dispożizzjoni, il-benefiċjarju ma jkunx ġie avżat li l-awtorità kompetenti kellha l-intenzjoni li twettaq kontroll fuq il-post u ma kienx diġà ġie informat minn din l-awtorità bil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati minn din tal-aħħar.

91 Barra minn hekk, tali interpretazzjoni hija adatta sabiex tippermetti li jintlaħqu l-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 1760/2000 li, kif ġie rrilevat fil-punt 72 ta' din is-sentenza, jiddependu minn traċċabbiltà effikaċi tal-annimali inkwistjoni. Fil-fatt, l-impożizzjoni ta' sanzjoni amministrattiva fil-każ ta' komunikazzjoni tardiva, tal-istess ammont bħal dak li jkun dovut li kieku l-komunikazzjoni bl-ebda mod ma tkun saret, tista' tneħħi kull inċentiv sabiex issir tali komunikazzjoni tardiva.

92 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 15(1) u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 għandhom jiġu interpretati fis-sens li s-sanzjonijiet amministrattivi previsti fl-Artikolu 31 ta' dan ir-regolament delegat ma jistgħux jiġu applikati fil-każ fejn il-komunikazzjoni taċ-ċaqliq tal-bhejjem tal-ifrat lejn il-mergħat tas-sajf, permezz tal-entrata tad-data inkwistjoni fid-database kompjuterizzata għall-annimali, tkun saret tard iżda fejn il-benefiċjarju ma jkunx ġie avżat li l-awtorità kompetenti kellha l-intenzjoni twettaq verifika fuq il-post u ma jkunx diġà ġie informat minn din l-awtorità bil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati minn din tal-aħħar.

Fuq l-ispejjeż

93 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Il-punt 2(a) u l-punt 18(a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1), kif ukoll l-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 181, p. 48), kif emendat bir-Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/723 tas-16 ta' Frar 2017,

għandhom jiġu interpretati fis sens li:

komunikazzjoni taċ-ċaqliq tal-bhejjem tal-ifrat lejn mergħat tas-sajf li jinsabu f'żoni muntanjużi, li ma tosservax it-terminu stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat, konformement mal-Artikolu 2(2) u (4) tad-Deċiżjoni 2001/672, tal-20 ta' Awwissu 2001 li tistabbilixxi regoli speċjali applikabbli għall-movimenti ta' annimali bovini [bhejjem tal-ifrat] meta mqegħda jirgħu fis-sajf fl-oqsma tal-muntanji, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/300/UE tal-25 ta' Mejju 2010, moqrija flimkien mal-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 1760/2000, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 653/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Mejju 2014, ma tistax titqies li hija entrata żbaljata fid-database kompjuterizzata għall-annimali li hija irrilevanti għall-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' din l-applikazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 30(4)(c) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, b'tali mod li dawn l-annimali ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt il-kategorija ta' "annimal determinat", fis-sens tal-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament delegat.

2) **L-Artikolu 15(1) u l-Artikolu 34 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, kif emendat bir-Regolament Delegat Nru 2017/723**

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

s-sanzjonijiet amministrattivi previsti fl-Artikolu 31 ta' dan ir-regolament delegat ma jistgħux jiġu applikati fil-każ fejn il-komunikazzjoni taċ-ċaqliq tal-bhejjem tal-ifrat lejn il-mergħat tas-sajf, permezz tal-entrata tad-data inkwistjoni fid-database kompjuterizzata għall-annimali, tkun saret tard iżda fejn il-benefiċjarju ma jkunx ġie avżat li l-awtorità kompetenti kellha l-intenzjoni twettaq verifika fuq il-post u ma jkunx diġà ġie informat minn din l-awtorità bil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati minn din tal-aħħar.

Firem